# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

**ONOR. MHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar il-Gimgha 15 ta' Lulju 2016**

**Kawza Numru : 21**

**Rikors Numru : 84/2016 JPG**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru 17/2016 AE fl-ismijiet:**

**Carmelo Borg [K.I. Nru 491864(M)]**

**Vs**

**Emanuel Bonnici [K.I. Nru 195290(M)] u ezercitanti l-kummerc taht l-isem ta' Emanuel Restoration Services**

Rat ir-rikors b'urgenza ta' Emanuel Bonnici tal-1 ta' Frar 2016 (a fol. 1 et seq) li jaqra hekk:

1. *"Illi permezz ta' rikors ipprezentat nhar is-7 ta' Jannar 2016 [Kopja hawn annessa u mmarkata Dok EBX1], Carmelo Borg talab u ottjena il-hrug ta' mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi ghas-somma globali ta' hmistax-il elf hames mija wiehed u erbghin Ewro (€15,000.00) fil-konfront tar rikorrenti;*

2. *Illi l-kawzali, li abbazi taghhom is-sekwestrant ressaq it-talba tieghu huma s-segwenti:*

*Somma dovuta ghall-fini ta'dan il-mandat bhala donni .fuq xoghol hazin maghmul fuq il-fond, 109 Triq Paola, Tarxien*

3. *Illi l-esponenti jixtieq jipprevalixxi ruhhu mid-dritt moghti lilu ai termini tal-artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentament jitlob l-hrug ta' kontromandat li permezz tieghu l-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi jrgi revokat fl-intier tieghu.*

4. *Illi huwa ser jibbaza it-talba tieghu fuq dak li jipprovdi is-subinciz (d) u (f) tal-artikolu 836 subinciz 1.*

5. *Illi l-mertu tal-pendenza bejn il-partijiet hija kawza bejn il-partijiet fuq appalt li gie terminat minn Carmelo Borg u hlas spettanti lil-rikorrent Emanuel Bonnici. Il-pretenjonijiet ta' Carmelo Borg gew vantati f'kawza bin-numru 12/2016 JPG quddiem din l-Onorabbli Qorti [kopja hawn annessa u mmarkata Dok EBX2].*

6. *Illi l-mandat ta' sekwestru de quo mhux biss kien wiehed purament vessatorju u intiz biss bhala arm twisting tactic sabiex igib lill-esponenti jbaxxi rasu ghar-rieda ta' Carmelo Borg izda huwa wiehed ingustifikat u eccessiv- u ma huwiex ragonevoli li jinzamm fis-sehh;*

7. *Illi fl-ewwel lok jirrizulta bhala fatt li fil-kawza minnu pprezentata Carmelo Borg jikkwantifika l-pretensjoni tieghu bhala ekwivalenti ghal hdax-il elf Ewro (€11,000.00) u kwindi wiehed ma jistax jifhem kif l-mandat ta' sekwestru de quo sar ghas-somma ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000.00);*

8. *Illi fit-tieni lok l-intimat lanqas ressaq l-inqas xrara ta' prova in sostenn tas-somma minnu reklamata permezz tal-mandat de quo. Anke jekk dato ma non concesso li l-intimat Borg kellu dritt prima facie x'jikkawtela, minn imkien ma jirrizulta lanqas fuq bazi prima facie kif waslu ghac-cifra indikata fil-mandat. Jekk wiehed jaghti harsa lejn l-atti tal-kawza 12/16JPG lanqas isib anness rapport ta' perit ex parte minkejja li ssir referenza ghalih Wiehed anke jekk ghandu dritt prima facie x'jikkawtela ma jistax jindika ammont li jidhirlu hu. Irid jiggustifika l-istess ammont almenu bi stima li tkun giet ipprezentata fil-mument tal-prezentata ta' l-att kawtelatorju jew, tal-kawza ipprezentata b'rabta ma' l-istess. Dan l-intimat ma ghamlux u ghalhekk ma hemm l-ebda gustifikazziont ghas-somma indikata.*

9. *Illi fit-tielet lok u minghajr preguduzzju ghas-suespost l-pretensjoni ta' l-intimat tinsab ben kawtelata ghaliex huwa s-sid u ghandu il-pussess tal-fond meritu tal-kawza u ghadu sal-lum igawdi mix-xoghol maghmul mir-rikorrenti.*

10. *Illi fir-raba lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost imkien f'rapport li rcieva r-rikorrenti mhejji mill-Perit ex parte ta' l-intimat ma hemm indikat li l-intimat sofra danni fl-ammont ta' hmistax -il elf Ewro. L-unika darba li tissemma din ic-cifra huwa fejn il-Perit jaghti l-opinjoni tieghu dwar x'kien dovut lir-rikorrent Emanuel Bonnici ghal xoghol extra ordnat mill-intimat Borg.*

11. *Illi finalment konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru de quo, ir-rikorrent qed isofri danni kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri.*

*Ghaldaqstant in vista tal-premess l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru bin-numru* ***17/2016 AE fl-ismijiet Carmelo Borg [K.I. Nru.491864(M) Vs Emanuel Bonnici [K.I. Nru.195290(M)] u ezercitanti l-kummerc taht l-isem ta' Emanuel Restoration Services*** *u dan ai termini tal-Artikolu 863 subinciz (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Tapplika d-dispozizjonijiet tal-artikolu 836 subinciz (8) u (9) tal-Kap. 12 fil-konfront tas-sekwestrant.*

3. *Alternattivament jekk l-ewwel zewg talbiet ma jintlaqghux, tordna lis-sekwestrant jaghti garanzija idonea fil-ligi sabiex taghmel tajjeb ghal-ispejjez u d-danni li qed isofri r-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat."*

Rat illi l-atti tar-rikors, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Carmelo Borg tat-22 ta' Gunju 2016 (a fol. 21 et seq.) li taqra hekk:

*"Illi t-talbiet tal-intimat ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

1. *Illi fl-ewwel lok, dak li trid tistharreg din l-Onorabbli Qorti, kif irrizulta car mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna, hu, jekk fit-talba tar-rikorrenti ghll-ottjeniment tal-hrug tal-mandat, huma kienux qed jinvokaw dritt prima facie u jekk l-ammont li ghalih intalab is-sekwestru hux kommensurat mad-dritt pretiz kawtelat.* ***L-ezami pero' irid ikun biss wiehed prima facie.*** *Hemm numru ta' sentenzi li filfatt stabbiliew illi f'ezami ta' dan it-tip ta' rikors il-Qorti ma tistax tidhol fil-mertu tal-kawza ghaliex tkun effettivament qieghda tiddeciedi l-kawza qabel ma tkun semghat l-istess. Ghaldaqstant l-argumenti tal-intimati huma fil-maggior parti taghhom infondati stante' illi jolqtu l-mertu tal-kawza odjerna innifisha.*

2. *Illi in effetti ssir referenza ghad-digriet li inghata fl-atti tar-Rikors ghar-revoka ta' hrug ta' Mandat ta' sekwestru fl-ismijiet, Emanuel Balzan vs Francelle Agius[1], fejn il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghall-kawza fl-ismijiet Camilleri vs Gove et rreteniet illi:*

   *Mid-dispozizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza propja bejn il-partjiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari u li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.*

3. *Illi ssir referenza wkoll f'dan il-kuntest ghas-sentenza fl-ismijiet Associated Supplies Ltd vs. Joseph Mizzi[2], il-Qorti qalet hekk:*

   > *Il-Qorti tibda biex ittenni l-principju li jirregola proceduri ta' din ix-xorta, u coe' li l-iskrutinju li jehtieg li jsir minn din il-Qorti f'dan l-istadju huwa essenzjalment wiehed fuq livell ta' prima facie. Il-mertu jigi mistharreg u evalwat fil-kawza bejn il-partijiet. Dan ifisser illi f'dawn il-proceduri, il-Qorti ma tkun bl-ebda mod qed tippronunzja ruhha fuq fatti u fehmiet dwar il-vertenza, kemm jekk tigi milqugha t-talba odjerna, kemm jekk tigi michuda.*

---

[1] *Rikors Numru 101/15. Deciza mill-Qorti fis-sittax (16) ta' Frar, 2015*
[2] *Deciza fis-6 ta' Frar 2013; Rikors Numru 1006/2012*

4. *Illi in oltre', din il-Qorti f'sentenza fl-ismijiet Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 879/12 fl-ismijiet (Sekwestrant) L-Avukat Adrian Delia detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 299369(M) bhala Mandatarju specjali ta' Giovanni Sidoti ta' Nazzjonalita Taljana, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru AS0368168 vs (Sekwestrat) European Insurance Group Limited (C35708)[3], filwaqt illi ghamlet referenza ghall-gurisprudenza ohra, qalek hekk:*

> *Illi meta ssir applikazzjoni abbazi tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 l-analizi taghmel il-Qorti ghandha tkun ristretta ghal wahda prima facie;*

5. *Illi dan il-principju gie msahhah mill-gurisprudenza nostrana; Illi fis-sentenza bl-ismijiet Emanuel Sammut et. v. Josephine Sammut datata 5 ta' Gunju 2003, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet hekk:*

> *Mid-depozizzjoni tal-artikolu 8366 tal-Kap. 12 (thassir ta' Mandat Kawtelatorju) jidher li l-unika ezami li trid taghmel il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinjifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprija. Dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellu pretenzjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li l-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza",*

6. *Illi fis-sentenza Av. Carmelo Castelli noe. v. Focal Maritime Services et. datata s-sitta u ghoxrin (26) ta' April 2002, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet hekk:*

> > *Skond l-Artikolu 836(d) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, Mandat kawtelatorju jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont*

[3] *Deciza fl-4 ta' Frar 2013; Rikors Numru 1125/2012*

> *mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv, jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wiehed prima facie u l-Qorti m'ghandhiex tidhol fi kwistjonijiet li jirrigwardjaw il-mertu tal-kawza bhal jekk is-sekwestrat huwiex legittimu kontradittur tas-sekwestrant;*

7. *Illi fis-sentenza fl-ismijiet Visa Investments Ltd. v. Blye Engineering Co. Ltd datat s-sebgha (7) ta' Frar 2001 inghad ukoll hekk:*

> *L-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet.*

8. *Illi l-punti jekk hijiex is-socjeta' rikorrenti li ghandha thallas tal-istess, jekk tapplikax il-preskrizzjoni… jolqtu il-mertu tad-difiza tas-socjeta' rikorrenti fil-kawza proprja, u ghalhekk ghandhom jigu trattati u deciza propju fil-kawza nnifisha, u mhux fil-kuntest ta' rikors ghar-revoka ta' Mandat Kawtelatorju, ghaliex altrimenti wiehed necessarjament ikun irid jidhol fil-mertu tal-kawza stess, u dan imur oltre l-gudizzju prima facie li l-Qorti hija tenuta li taddotta;*

9. *Illi l-esponent jissottometti illi, kif jidher mill-argumenti imressqa fir-rikors tas-sekwestrata, l-istudju li s-socjeta' sekwestrata qieghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti taghmel imur oltre minn analizi prima facie;*

10. *Illi ghalhekk fid-dawl ta' din il-gurisprudenza citata, jekk wiehed ihares lejn ir-rikors odjern wiehed mil-ewwel jinduna illi s-sottomissjonijiet kollha hemm kontenuti huma kollha fil-mertu u dak illi s-sottomissjonijiet kollha hem kontenuti huma kollha fil-mertu u dak illi r-rikorrent effettivament qieghed jitlob huwa illi din il-Qorti tiddeciedi dwar il-pretenzjonijiet tal-atturi qabel ma tisma l-kawza;*

11. *Illi di piu', r-rikorrent jissottometti illi l-esponent ma ressaq l-ebda xrara ta' prova in sostenn tas-somma minnhom reklamata. Bid-dovut rispett il-provi jingiebu fil-kors tas-smiegh tal-kawza. L-esponent pprezenta rapport li hejja l-perit tieghu. Minn hawn diga' wiehed jinduna li l-pretenzjoni taghhom ghal menu prima facie tista' tkun gustifikata ghalkemm ma jissemmix valur. X'qed jipprova jissuggerixxi r-rikorrent: Illi kull darba li tigi pprezentata kawza b'talba da liquidarsi allura ma tistax tipprezenta mandat kawtelatorju? Dan zgur mhux argument sostenibbli. Wara kollox il-mandat sar fuq somma ragjonevoli li ma tinkludix il-pretenzjoni tal-esponent ghad-danni. L-esponent anzi kien kawt hafna meta pprezenta il-mandat odjern. Meta wiehed iqis l-prezzjonijiet ta' xoghol ta' kostruzzjoni ghandu jirrizulta illi s-somma li ghaliha sari l-mandat hija altroche ragjonevoli.*

12. *Illi l-esponent ma jistax jifhem r-ragunar fir-rikors promotorju li l-propjeta' immobbli hi tieghu; din ma tfisser bl-ebda mod illi l-pretenzjoni tieghu hija kawtelata. Kif ser jithallas l-ammont li din il-Qorti ghad tillikwida favur tieghu jekk ir-rikorrenti ma jkollux assi fuq xhiex wiehed jikkawtela? X'differenza taghmel illi l-propjeta' dejjem tghola fil-valur taghha?*

***<u>Dwar it-talba ghad-depositu ta' garanzija</u>***

13. *Illi mill-ewwel ghandu jinghad illi t-talba ghad-depozitu ta' garanzija m'ghandhiex tintlaqa' b'mod awtomatiku. Filfatt l-artikolu 838A tal-Kap 12 jghid hekk:*

> *Il-Qorti tista', meta tintwera kawza gusta ghal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun tablet il-hrug tal-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi imposta u ta' danni u imghax, u, fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtelatorju.*

14. *Illi ghalhekk trid tintwera kawza gusta qabel ma tintlaqa' talba simili. Qabel xejn l-intimati jridu jippruvaw illi l-mandat odjern qieghed jikkawzalha pregudizzju irragjonevoli, fatt illi ma jirrizultax mir-rikors;*

*Illi ghal dawn ir-ragunijiet l-esponenti umilment jissottometti illi t-talbiet rikorrenti kollha*

*ghandhom jigu michuda."*

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

It-talba odjerna tirrigwarda talba ghar-revoka ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju 17/2016 ai termini tal-Artikolu 836 (1) (d) u (f), u talba ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 836 (8) u (9) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tas-sekwestrant.

Illi l-**Artikolu 836 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi li:

> ***"836(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun hareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox sew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:***
>
> ***(a) sa (c) Omisses;***
>
> ***(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv;jew***
>
> ***(e) Omisses;***
>
> ***(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew dan l-att jew parti minnu***

> ***mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli".***

Din il-Qorti sejra isemmi uhud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar Revoka ta' Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta'Mandati Kawtelatorji **fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed *prima facie***. Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:

> *"Skond l-**artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12** jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

***Illi fid-digriet fl-ismijiet"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et" tal-10 ta' Mejju 2001 per Onor Imhallef Dr. R. C. Pace , u "Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001 per Onor Imhallef Dr. R. C. Pace inghad ukoll :***

> *"li mid-dispozizzjoni tal-istess **Artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** tas-**27 ta' Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:

> ***"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-***

> ***procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)".***

Vide ukoll **(**"**Yorkie Clothing Industry Ltd" vs "Dr. Lilian Calleja Cremona**" **–**tat-**30 ta ` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll "**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**" tas-**16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

Il-Qorti tghaddi biex tezamina t-talba ghar-revoka tas-sekwestru kawtelatorju minhabba li l-ammont mhux prima facie gustifikat jew hu eccessiv, cioe' Artikolu 836(1)(d) Kapitolu 12. Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, din il-Qorti ghandha tissindika biss jekk jirrizultax ma daqqa t'ghajn li s-sekwestrant ghandux bazi ghall-pretenzjonijiet tieghu u jekk din il-pretenzjoni tavvicinax l-ammont indikat fil-mandat.

Is-sekwestrat jippremetti fir-rikors tieghu a par. 7 illi fir-rikors guramentat is-sekwestrant ikkwalifika t-talba tieghu bhala **ekwivalenti ghal €11,000** u ghalhekk l-ammont li fuqu intalab il-hrug ta' dan il-mandat ta' sekwestru, u cioe €15,000 kien eccessiv. Pero, wara li din il-Qorti rat ir-rikors guramentat prezentat mis-sekwestrant, li gie ezebit mis-sekwestrat a fol 6 *et seq*. tal-process, il-Qorti tqis li din il-premessa tas-sekwestrat m'hix wahda strettament korretta. Is-somma ta' €11,000 issemmiet mis-sekwestrant fir-rigward ta' xogholijiet li skont il-Perit tieghu huwa kien hallas zejjed. Pero it-talba tas-sekwestrant fil-kawza intavolata minnu m'hijiex ristretta biss ghal ordni ta' rifuzjoni tal-hlas li allegatament sar zejjed. Is-sekwestrant qed jitlob ukoll il-likwidazzjoni tad-danni allegatament sofferti minnu minhabba illi s-sekwestrat ma ezegwiex parti mix-xogholijiet skont ir-regoli tas-sengha u l-arti u kundanna ghal hlas relattiv, kif ukoll talba sabiex ir-rikorrent iqabbad hu stess haddiema biex jaghmlu x-xogholijiet rimedjali bl-ispejjez a karigu tas-sekwestrat. Ghalhekk f'dan is-sens zgur ma jistghax jinghad illi t-talba hija eccessiva ghaliex tmur oltra is-somma ta' €11,000 ndikata mis-sekwestrant fir-rikors guramentat.

Il-Qorti rat ukoll ir-rapporti redati mil-Perit tas-sekwestrat Benny Cortis li jinsabu ezebiti a fol 27 *et seq.* tal-process. Fit-tieni rapport il-Perit Cortis jaghmel referenza ghal disgwid li hemm bejn il-partijiet, u jaghmel referenza ghal rapport redat mill-Perit Anton Zammit li jelenka xogholijiet li skont hu ghad jonqos li jisru fil-fond tas-sekwestrant, izda l-Perit Cortis jsostni li s-sekwestrat ma kellu l-ebda obbligu li jwettaq dawn ix-xogholijiet, u li t-tnaqqas fil-valur ta' €10,000 li sar fir-rigward tat-tnehhija ta' zebgha minn fuq il-hitan u l-faccata huwa l-valur tax-xogholijiet elenkati mill-Perit Anton Zammit **li ghad jonqos li jsiru**.

Il-Qorti tqis illi dan jammonta ghal prova prima facie rikjesta ghall-hrug ta' dan il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju. F'dan l-istadju il-Qorti ma tistax tidhol fil-mertu u tindaga jekk huwiex minnu dak li qieghed isostni il-Perit Zammit. Pero jirrizulta prima facie illi hemm kontestazzjoni fuq ix-xogholijiet li saru mis-sekwestrat, kif jidher mir-rapporti tal-Perit Cortis.

Fir-rikors guramentat tieghu, is-sekwestrant premetta illi huwa hallas lis-sekwestrat is-somma ta' €56,800, u li €11,000 minnhom kienu thallsu zejda. Wara li inzammu laqghat bejn il-partijiet u l-periti taghhom, jirrizulta li l-partijiet qabblu li s-sekwestrat ghandu jithallas is-somma ta' €56,834.63.[4] **Ghalhekk ma jirrizultax prima facie illi s-sekwestrant hallas xi ammont zejjed lis-sekwestrat, u ghaldaqstant il-mandat ta' sekwestru ma jistghax jinzamm fis-sehh fir-rigward tas-somma ta' €11,000 allegatament dovuti bhala rifuzjoni ta' hlas zejjed li sar mis-sekwestrant**.

Mir-rapport redatt mill-Perit Benny Cortis jidher li skont il-perit tas-sekwestrant, is-sekwestrat allegatament naqas li jaghmel, jew ghamel hazin xi xoghlijiet. Il-Perit Cortis ma jaqbilx mal-elenku kollha tax-xogholijiet illi ghandhom isiru skont il-Perit tas-sekwestrant, izda jidher li jaqbel illi hemm xi xogholijiet li ma sarux, kif jidher mit-tieni elenku tat-tieni rapport tieghu a fol 32. Il-Perit Cortis jispjega pero illi it-tnaqqis ta' €10,000 li l-partijiet qablu fuqu fir-rigward tax-xogholijiet taht il-principju C (a fol 27) huwa konsegwenza tal-fatt illi dan ix-xogholijiet ma sarux u **ghalhekk, ma daqqa t’ghajn, m'hemm xejn dovut mis-sekwestrat**.

Il-Qorti tinnota illi r-rapport tal-Perit Zammit, mahtur mis-sekwestrant, ma giex pprezentat, la fl-atti ta' dan il-mandat, u lanqas fl-atti tal-kawza. Fil-fatt jidher li s'issa kien is-sekwestrat biss li ressaq xi provi in sostenn tat-tezi tieghu. F'dan il-punt ma jidhirx li hemm xi provi li b'xi mod

4 Vide fol 27 et seq.

juru illi l-ammont mitlub huwa prima facie gustifikat, ghaliex is-sekwestrant ma ressaq l-ebda prova li tissostanzja dak li allega f'dan il-mandat u fir-rikors guramentat. Il-Qorti tqis li minn naha l-ohra, is-sekwestrat ressaq provi li juru li l-ammont mitlub mhuwiex prima facie gustifikat, senjatament permezz ta' zewg rapporti peritali li kontrihom is-sekwestrant ma ressaq l-ebda prova.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi t-talba ghar-revoka tal-mandat hija fondata.

**Ikkonsidrat;**

It-talba ghall-penali u danni taht l-Artikolu 836(8) u (9) hija sanzjoni fakoltativa imholliha fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti wara li jintwera ghas-sodisfazzjoni taghha, li sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsuba mill-ligi ghall-impozizzjoni tal-istess sanzjoni, u cioe' is-subincizi (a) sa (d), tal-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.[5] L- Artikolu 836(8) tal-Kapitoli 12 huwa ta' ordni pubblika bl-iskop li jigi assikurat isserjeta tal-process gudizzjarju u sabiex l-istitut ta' mandati kawtelatorji ma jigix uzat abbusivament.[6]

Ghalhekk il-Qorti tkun tenuta li timponi dawn il-penali u/jew danni biss fejn jirrizultaw l-estremi indikati mill-ligi , u cioe:

> ***(a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;***
>
> ***(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall- ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed: Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta'***

5 **Av. Ann Fenech noe vs Il-Bastiment MY Whispering Angel**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 5 ta' Gunju 2015.

6 **Joseph Tabone vs Capece Construction Limited**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 14 ta' Awissu 2013; **Carmel Farrugia et vs Charmaine Farrugia noe et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 2 ta' Awissu 2012; **Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 13 ta' Marzu 2003; **Joseph Rapa vs Raymond Sammut**, Qorti tal-Appell Civili, deciza 13 ta' Marzu 2001.

***urġenza għall-ħruġ tal-mandat;***

***(ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;***

***(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.***

Ghalkemm ir-rikorrent ma jispecifikax taht liema subinciz qieghed jibbaza t-talba tieghu, mill-atti jidher illi t-talba tidher bbazata fuq is-subinciz (d).

Kif gie ritenut ripetutament minn dawn il-Qrati, minn jagixxi biex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu ma jistghax jigi punit talli ghamel dan, anki f'kaz fejn l-azzjoni tieghu ma jkollhiex ezitu favorevoli.[7]

Inoltre, l-buona fede hija prezunta u l-hazen irid jigi provat.[8] Ghalhekk min jissolleva l-malizja u l-frivolita jehtieg illi jipprovahom.[9]

Il-Qorti tqis illi f'dawn il-proceduri ma tressqu l-ebda prova tal-mala fede tas-sekwestrant. Lanqas ma jidher illi t-talba tas-sekwestrant kienet frivola u vessatorja, ikkonsidrat illi s-sekwestrant qaghad fuq il-parir tal-Perit tieghu illi s-sekwestrat allegatament ma esegwiex ix-xogholijiet kollha necessarji, jew almenu ma esegwihomx skont l-arti u s-sengha. Kien fuq dan il-parir espert, illi huwa fetah kawza kontra s-sekwestrat, u kkawtela l-pretensjoni tieghu ai termini tal-kwantifikazzjoni ta' danni maghmula mill-Perit tieghu.

Ghalhekk din it-talba ghal sanzjonijiet mahsuba taht l-Artikolu 836 (8) u (9) tal-Kapitolu 12, hija nfondata u qed tigi michuda

---

7 **Dolores sive Doreen Vella vs Peter Paul Vella noe et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 25 ta' Gunju 2014; **Emanuel Gauci noe et vs Michelina Bugeja et**, Qorti tal-Magistrati, deciza 6 ta' Mejju 2014; **Joseph sive Joe u Mary konjugi Parnis vs Joan sive Jane Pace**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 28 ta' Settembru 2001.

8 **Av. Ann Fenech noe vs Il-Bastiment MY Whispering Angel**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 5 ta' Gunju 2015.

9 **Dolores sive Doreen Vella vs Peter Paul Vella noe et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 25 ta' Gunju 2014.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeciedi billi:

Tilqa’ l-ewwel talba ta’ Emanuel Bonnici u tirrevoka l-Mandat ta’ Sekwestru bin-numru 17/2016 AE fl-ismijiet Carmelo Borg vs Emanuel Bonnici ai termini tal-Artikolu 836 (1) (d) tal-Kapitolu 12; u

Tichad t-tieni u tielet talba ta’ Emanuel Bonnici u tichad l-eccezzjonijiet ta’ Carmelo Borg fejn applikabbli.

Bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**